

# L-APOKALISSI (5)

*Fr Charles Buttigieg*

*"Li Hu, u li Kien, u li għad irid Jiġi" (Apokalissi 4:8)*

## Is-Simboliżmu Bibliku tal-Apokalissi

## L-Annimali

Fl-Apokalissi niltaqgħu mas-simboliżmu terjomorfiku ('terion') dwar l-annimali, fejn naraw li, l-iljun jissemma 6 darbiet, l-ajkla 3 darbiet, il-ġradijiet darbtejn, id-dragun 13-il darba, il-bhima jew monstru 38 darba, iż-żiemel 16-il darba, iż-żrinġ darba, l-iskorpjun 3 darbiet, is-serpent ('ophis') 5 darbiet, il-kelb darba (bl-ebrajk: kalbayya u bis-sumeru: ur, simbolu tal-ħbiberija u fost il-pagani kien l-alla Gula tal-feqjan u protezzjoni), l-għasfur 3 darbiet, u fuq kollox il-Ħaruf li nsibuh 28 darba (7 għal 4 – 'pjenezza u totalità). Għal Bauckham dan in-numru 28 ifisser: "to indicate the worldwide scope of his complete victory". Naraw il-ħaruf jieħu l-ktieb, jiftaħ is-siġilli (jissemmew 23 darba), jagħdab, jirgħa, jiġġieled, jirbaħ, jiċċelebra t-tieġ u qiegħed fuq it-tron (li juri t-traxxendenza, imma ukoll l-preżenza tiegħu fost il-poplu). F'Ġerusalemm il-Ġdida dik tas-sema, jibqa' biss il-Ħaruf bħala s-Salvatur (ara wkoll Ġwanni 1:9). Il-Ħaruf wieqaf (bil-grieg: 'arnion hestos', ara ukoll 'bħal skarnat', 'come sgozzato' 'hos esphagmenon) f'5:6 huwa Kristu Rxoxt.

Fl-Antik Testament niltaqgħu max-xakalli u l-kukkudrilli marbuta mal-ħażen. San Girgor il-Kbir iqabbel iż-żiemel jaqbeż bħal ġurat f'Ġob 39:20 mal-qawmien (anastasis, 'ana' - up) ta' Kristu. Il-qrun tal-annimali speċjalment tal-barri huwa s-simbolu ta' awtorità u qawwa. Jisemmew bħala għasafar li nħalqu qabel il-ħut u l-annimali l-oħra, fosthom insibu l-għammiela (Lev 11:18; Isa 34:11), is-summien (Eżodu 16:11), il-pagun (1 Slaten 10:22) li huwa s-simbolu tas-sbuħija u fil-Greċja l-antika kien marbut mal-alla Hera, iċ-ċikonja (Ġeremija 8:7), il-pellikan li huwa s-simbolu tas-sagrifiċċju u tal-karità u huwa s-simbolu tal-Passjoni ta' Kristu u tal-Ewkaristija, il-wiżż u ċ-ċinji, il-bilbla, il-ħuttaf, u d-daqquqa. Fl-A.T. insibu fuq kollox il-ħamiema (bl-ebrajk: gemimah) li



hija s-simbolu tal-paċi, tar-ruħ, tal-innoċenza tal-ferħ, tar-rikonċiljazzjoni u tal-Ispirtu s-Santu (Ġen 15:9; Lev 5:7; Luqa 2:24) meqjus bħala għasfur nadif u kien offrut mill-foqra lil Alla. Insibu l-falkun li huwa s-simbolu tal-perseveranza, il-gamiem u l-ajkla magħrufa għall-ħeffa tagħha li hija s-simbolu tal-ġudizzju (Mikeja 1:16 u Mattew 24:28) u hija s-simbolu tar-raba' evanġelju ta' San Ġwann, il-barbaġann li huwa s-simbolu tal-viġilanza, il-gawwi, in-nagħma, il-perniċi, il-kwakk, il-bies, l-avultun, is-seqer, is-serduk (ara Mark 13:35, huwa marbut mal-ħażen għaliex ikanta bil-lejl. Fil-fatt f'Ġerusalemm is-serduq kien ipprojbit.) u ċ-ċawlun li hu simbolu tal-mewt u tal-qerda, iżda naraw iċ-ċawlun jagħti l-ikel lil Elija ġewwa Herit.

Bħala rettili jissemmew fil-bibbja fuq kollox is-serp velenuż, il-vipera fid-deżert tas-Sinaj u f'Malta bħala simbolu tal-ħażen. Eżekjel 29:3 isemmi l-kukkudrill (ara ukoll Ġob 40:20) u ż-żrinġ (Apok 16:13) imsemmi l-għaxar pjagi tal-Eġittu (ara Eżodu 7:2), il-kamaleonti li tfisser iljun tal-art (Lev 11:30), il-gremxul (Ġob 30:29 u Isaija 34:13) u l-wiżgħa.  Bħala insetti jissemmew n-nemel magħruf għall-għaqal u l-għerf tiegħu (ara Prov 6:6 u 30:25), in-naħal 'deborah' b'rabta mal-għasel (Eżodu 3:8) u fost l-Eġizzjani huma s-simbolu tal-għerf u tal-fertilità. Insibu ukoll il-briegħed (1 Slaten 24:15), il-grillu (Ġer 8:7), il-kamla (Ġob 4:19), il-ħanfusa (Lev 11:22) u l-iskoprjun, is-susa, il-brimb, il-qamel, in-nemus, u l-ħanex u d-dud (Eżodu 16:20). Insibu l-ġradijiet (Dewt 28:42) li huma s-simbolu tal-ereżija li jissemmew f'Apokalissi 9:5: "U minn ġod-daħna tferrxu ġradijiet fuq l-art, u lilhom ingħatat setgħa bħal dik li għandhom l-iskorpjuni tal-art. U wissewhom biex ma jagħmlu ħsara lil ebda ħaxixa tal-art, lil ebda



ħdura jew siġra, imma biss lil dawk il-bnedmin li ma għandhomx fuq ġbinhom il-marka tas-siġill ta' Alla. Ordnawlhom, iżda, mhux li joqtluhom, imma li joqogħdu jaħqruhom għal ħames xhur, b'moħqrija bħal dik li jġibu l-iskorpjuni fuq il-bnedmin meta jigdmuhom. F'dawk il-jiem il-bnedmin jibdew ifittxu l-mewt bla ma jsibuha; u jixtiequ l-mewt u l-mewt taħrab minnhom!" (9:3-6).

Bħala annimali jissemmew ix-xadini importati minn Salamun minn Tarsu (1 Rejiet 10:22; Isaija 13:21 u 2 Kronaki 9:21) u huma s-simbolu tal-ferħ. Jissemma l-ħmar bħala simbolu tax-xogħol u tal-umiltà (Imħallfin 5:10 u Luqa 19:30), dan hu l-iktar animal użat fil-Palestina, saħansitra mit-3000 sena Q.K. (ara Ġen 42:26-27 u 1 Sam 16:20). Insibu ċ-ċerva magħrufa għas-sbuħija u l-għerf u f'Ruma tal-qedem kienet l-alla tal-għerf 'minerva'. Hija s-simbolu tal-fidi u tar-riċerka lejn Alla (ara Dewt 14:5). Hemm il-barri (Numri 23:22, Isaija 1:3 u Salm 21:13) u li hu s-simbolu tal-fertilità u tal-qawwa u fl-Eġittu kien s-simbolu ta' regalità, il-farfett il-lejl (Lev 11:19 u Isaija 2:20) kien meqjus impur, l-ors huwa s-simboli tal-qawwa u tal-kuraġġ (1 Sam 17:34-36) u fil-qedem kien l-alla tal-maltemp u tal-bnazzi. Insibu ukoll il-ħanżir li





huwa s-simbolu tal-impurità (Mattew 8:22), il-babwini (Isaija 13:21), il-liebru (Dewt 14:5), il-ballottra (Lev 11:29), jissemma l-ippopotamu (behemoth) f'Ġob 40:15-24; il-kappun (Lev 11:18), il-buflu (1 Sam 5:3), il-fenek selvaġġ (Ġob 9:22), il-ħanżir selvaġġ (Lev 11:22 u Salm 80:13) li s-simbolu tal-gwerrier u kien jinsab fil-muntanji tal-Ġordan u tal-Libanu, il-baqra (Salm 21:13), il-ġemel magħruf għall-ubbidjenza tiegħu, kien iddomestikat mill-Midjanin madwar 1200 Q.K., u l-leopard (Dewt 14:5 u Ġer 13:23) li hija s-simbolu tal-perseveranza.

Il-qattus (Baruk 6:21) li fost l-eġizzjani kien l-alla mara Bast u marbut ma' qawwiet spiritwali, il-fenek (Lev 11:5) li huwa s-simbolu tal-fertilità u marbut mal-alla Venus, l-iljun li huwa s-simbolu tal-kuraġġ u juri d-dinjità u t-tigra (Ġob 4:11), il-balena (Ġen 1:21), l-għażżiela (Atti 9:36), l-iljunfant (minn eleph) li huwa s-simbolu tal-għerf divin fil-filosofija asjatika (ara 1 Slat 10:22), il-gendus simbolu tas-saħħa, il-qanfud li huwa s-simbolu tal-providenza, iż-żiemel li huwa s-simbolu tax-xogħol (iż-żiemel kien ġie ddomestikat fir-Russja n-naħa t'isfel fin-naħat tax-xmara Dnieper fost il-kulturi ta' Dnieper, Donets, Sredni, Stog u tal-Mongolja, madwar 4000 Q.K.), il-bagħal, l-erħa, l-antilop, il-kamoxx, il-mogħża selvaġġa, il-bodbod użat fis-sagrifiċċju tal-Jum l-Espjazzjoni, il-muntun (l-Eġizzjani kellhom l-alla tal-ħolqien 'Khnum' li kien muntun), in-nagħaġ li huma s-simbolu tat-tajjeb, il-ħaruf (simbolu tas-safà, ta' ħlewwa u tal-qdusija) il-gidien, il-mogħoż li huma s-simbolu tan-negattività, il-ġurdien simbolu tal-intelliġenza, il-fekruna, il-volpi li huwa s-simbolu tal-egoiżmu u l-lupu li huwa s-simbolu tal-ħażen.

Insibu fuq kollox il-ħut (ara Eżodu 47:9-10 u Lhud 1:14) li huwa s-simbolu tal-immortalità. Huma ma jinżammux fl-arka ta' Noe' imma baqgħu fl-ibħra. Tajjeb



li ngħidu li minn fost it-tribujiet ta' Israel xi tribujiet bħala simboli kellhom l-annimali bħal: il-barri għal Efrajm, l-iljun għal Ġuda, il-ħmar għal Issakar, ċ-ċerva għal Neftali, is-serp għal Dan u l-lupu għal Benjamin. Skont Levitiku 11:9-12, il-ħut bil-qoxra kien meqjusin bħala nadif. Fl-ikonografija kristjana l-ħuta kienet is-simbolu ta' Kristu s-Salvatur (mill-kelma griega għall-ħuta 'ichthus').

Fil-mitoloġija jissemma ħafna d-dragun u dan huwa wkoll imsemmi fil-bibbja, speċjalment fl-Apokalissi. Fit-twemmin Babiloniż d-dragun Tiamat jinqatel mill-alla Marduk. Fil-mitoloġija griega nsibu lid-dragun Tifu li kellu mitt ras u ġġieled mal-alla Zeus. Fil-mitologija persjana nsibu d-dragun Ahzi Dahaka. Fil-kristjaneżmu d-dragun huwa s-simbolu tal-ħażen u tax-xitan. Fil-bibbja jissemma d-dragun Liwjatan f'Ġob 41:1-26 u d-dragun tal-Apokalissi (Apok 12:3-18). Il-monstru kbir tal-baħar kellu forma ta' serp jew kukkudrill jew balena. F'Numri 23:22 jissemma l-unikornu bil-grieg 'mono keros'. Għandna wkoll l-għasfur tal-mitoloġija 'Phoenix' li miet u reġa' qam mill-irmied tiegħu. Annimali li jixbhu dan id-dragun tal-mitoloġija huma l-gremxul kbir ħafna li nsibu fl-Indoneżja illum. Id-dragun għalhekk huwa l-espressjoni totali tal-Ħażin, għalkemm jibqa' dejjem limitat u l-qrun huma simboli tal-qawwa tiegħu (ara Num 23:22 u Dt 33:17) u tal-qawwa rjali (Apok17:12). Naraw id-dragun ('drakon') b'seba' rjus ('echon kephalas hepta', forsi riferiment għas-seba' għoljiet - 'lophos' u mhux 'oros'- ta' Ruma) li għandhom id-dijademi u b'għaxart iqrun ('kerata deka') li b'denbu jtajjar il-kwiekeb ('aster') mis-smewwiet u jaqgħu fuq l-art (12:3-4). Dan id-dragun huwa l-għadu tal-Mara li hija salvata u meħuda fid-deżert ('eremos', ara 12:6) u miżmuma hemm għal 1260 ġurnata: "U l-Mara ħarbet fid-deżert, hemmhekk fejn għandha post imħejji minn Alla, biex hemm jitimgħuha għal elf, mitejn u sittin jum."

F'Ġerusalemm l-ġdida jispiċċaw l-annimali kollha u jibqa' biss l-'arnion' iċ-ċentru hu l-ħaruf fejn jkun hemm salvazzjoni attiva li hi ġejja minn Kristu.

## Biblijografija


Arcari, L., *Visioni del figlio dell'uomo nel Libro delle Parabole e nell'Apocalisse*, Antico e Nuovo Testamento 19, Brescia 2012.

Backhaus, K., "Inspiration and Truth in the Book of Revelation. An exegetical comment on the Pontifical Biblical Commission's document "Ispirazione e verita' della Sacra Scrittura" (2014)", in *The Biblical Annals* 8 (2018) 71-91.

Barr, D.L., *Reading the book of Revelation: a resource for students*, SBL 44, Atlanta (GA) 2003.

Biguzzi, G., *Apocalisse. Nuova versione, introduzione e commento*, I libri biblici, Nuovo Testamento 20, Milano 2005.

Boring, M.E., *Revelation*, Interpretation, Louisville 2011.

Bosetti E. – Colacrai A., *Apokalypsis. Percorsi nell'Apocalisse di Giovanni*, Assisi 2005.

Breu, C., "Female Seed as a metaphor: Queer Kinship in Revelation 12, Ancient Medical and Literary Texts and the Septuagint", in *Journal for the Study of the New Testament* (2022) 1-28.

Camerling, Y.F. et als., "A Hermeneutical study on the symbolic meaning of the number 144,000 in Revelation 7:1-7", in *Jurnal Jaffray* 19 (2021) 86-111.

Carvalho, J.C., "The Nations between the Angel and the Beast in the Book of Revelation", in *Didaskalia* 47 (2017) 43-62.

Cotro, H.A., "Could the author of Revelation step forward, please?", in *DavarLogos* 14 (2015) 71-89.

Cotro, H.A., "A tale of two cities: Rome and Babylon in

Revelation”, in *DavarLogos* 21 (2022) 37-68.

Dalrymple, R., *Revelation and the two witnesses: The implications for understanding John's depiction of the people of God and his hortatory intent*, Eugene (OR) 2011.

Davies, J., “Reading the Apocalypse with Christopher Nolan: Story and Narrative, Time and Space”, in *Journal for Interdisciplinary Biblical Studies* 4 (2022) 42-56.

Doglio, C., *Apocalisse di Giovanni*, Padova 2005.

Fanning, B.M., *Revelation*, Zondervan Exegetical Commentary on the New Testament, Grand Rapids (MI) 2020.

Gonzalez, E., “The ‘Destroyers of the Earth’ in Revelation 11:8 – Who are they?”, in *Davar Logos* 14 (2015) 91-107.

Gorman, M.J., *Reading Revelation responsably: Uncivil worship and witness: Following the Lamb into the New Creation*, Eugene (OR) 2011.

Graves, D., *The Seven Messages of Revelation and Vassal Treaties. Literary Genre, Structure and Function,* Piscataway (NJ) 2009.

Guthrie, D., *The Relevance of John's Apocalypse*, Grand Rapids (MI) 2012.

Jordaan, G.J.C., “Cosmology in the Book of Revelation”, in *die Skruflig/Luce Verbi* 47 (2013) 1-8.

Koester, C.R., *Revelation: A New Translation with Introduction and Commentary*, New Haven 2014.

Manunza, C., *L'Apocalisse come ‘actio liturgica’ cristiana. Studio esegetico*. AnBib 199, Roma 2012.

Miller, R.B., “Dragon myths and biblical theology”, in *Theological Studies* 80 (2019) 37-56.

Newall, M., “The Roman Arena overturned: Revelation 14:9-11 as God's wrath in history”, in *The Expository Times* (2022) 1-11.

O'Hear, N. – O'Hear, A., *Picturing the Apocalypse: The Book of Revelation in the Arts over Two Millenia*, Oxford 2015.

Oladosu, O.T., - Alu, C.O., “The use of Old Testament in the Book of Revelation”, in *American Journal of Biblical Theology* 17 (2016) 1-10.

Oniszczuk, J., “Composizione e messaggio della lettera alla Chiesa di Efeso (Ap 2:1-7)”, in *Gregorianum* 98 (2017) 463-480.

Palmer, J.T., *The Apocalypse in the Early Middle Ages*, New York 2014.

Paul, I., *Revelation*, Tyndale New Testament Commentary, London 2018.

Peerbolte, B.J.L., “The Book of Revelation: Plagues as part of the Eschatological Human Condition”, in *Journal for the Study of the New Testament* 44 (2021) 75-92.

Piazzolla, F., “La gune' dell'Ap: funzione materna e sponsale della chiesa”, in *Liber Annus* 65 (2015) 351-378.

Pruszinski, G.R., “The Cognitive Phenomenology of Doors in the Book of Revelation: A Spatial analysis”, in *Religions* 10 (2019) 1-14.

Punt, J., “An Apocalyptic Womb? The Great Harlot of Revelation 17-18”, in *The African Journal of Gender and Religion* 26 (2020) 41-62.

Razafiarivony, D., “Is the Woman of Revelation 17 the same of Revelation 12?”, in *The American Journal of Biblical Theology* 17 (2016) 1-10.

Rosell, S., “John's Apocalypse: Dynamic word-images for a new world”, in *Theological Studies* 67 (2011) 1-5.

Rozek, K.B., “The Eschatological enemies of the Church: A biblical exposition of Revelation 9:1-11 and an examination of interpretations of the locusts from the abyss”, in *Diligence: Journal of the Liberty University Online Religion Capstone in Research and Scholarship* 5 (2020) 1-22.

Ruiz-Ortiz, F.J., " "Battle is over, raise we the cry of victory". Study of Revelation 19:11-21", in *Isidorianum* 29 (2020) 37-60.

Simoens, Y., *Homme et Femme, de la Genese a' l'Apocalypse. Textes – Interpretations*, Paris 2014.

Sippert, S., "Introduction to the Book of Revelation", in *Journal of Theology* 54 (2014).

Streett, M.L., *Here come the Judge: Violent pacifism in the Book of Revelation*, London 2012.

Tipvarakankoon, W., *The Theme of deception in the Book of Revelation: Bringing early christian and contemporary Thai Culture into Dialogue*, Claremont 2017.

Tzamalikos, P., *An Ancient Commentary on the Book of Revelation: A Critical Edition of the Scholia in Apocalypsin*, Cambridge 2013.

Vanni,U., *Apocalisse, libro della Rivelazione. Esegesi biblico-teoligica e implicazioni pastorali,* Bologna 2009.

Vanni, U., *Dal Quarto Vangelo all'Apocalisse. Una comunita' cresce nella fede*, Orizzonti biblici, Assisi 2011.

Van Rensburg, H.J., "All the Apocalypse a stage: The ritual function of apocalyptic literature", in *HTS Teologiese Studies/Theological Studies* 75 (2019) 1-8.

Van Rensburg, H.J., "The revelations of Revelation: The book that fits, even when it does not", in *HTS Teologiese Studies/ Theological Studies* 77 (2021) 1-12.

Warren, M.J.C., "The cup of God's wrath: Libation and early christian meal practice in Revelation", in *Religions* 9 (2018) 1-13.

Zamfir, I., "Jerusalem in motion. Images of Jersualem in the Bible and beyond", in *RES* 13 (2021) 160-174.

Zampa, G., *Il libro dell'Apocalisse nei testi della Liturgia Eucaristica della Chiesa Italina contemporanea*, Roma 2018.